MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 7/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**George Zammit**

Kawza Numru: 7/2012

Illum 19 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **George Zammit**, ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Nazzareno u Rita neé Frendo, imwieled San Giljan, nhar it-18 ta' Novembru, 1980, residenti fil-fond numru Flat 1, 37, Triq

[1] *A fol.* 22 u 23.

il-Harifa, Qormi u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 535480(M), akkuzat talli

nhar il-15 ta’ Settembru 2011 ghal habta ta’ 06:55hrs kantuniera fi Triq Indipendenza u Triq Papa Piu IX, Qala, Ghawdex:

1. saq *truck* bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 614 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz;

2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat bi *truck* EAZ 614 ma’ *motor cycle* FBQ 417 u nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq l-istess *truck* EAZ 614 b’detriment ghal Nazzareno Zammit minn Hal Qormi, kif ukoll hsarat fuq *motor cycle* FBQ 417 b’detriment ghal Clayton Xerri mill-Qala, Ghawdex;

3. meta kien isuq it-*truck* EAZ 614 fuq triq sekondarja u qabel ma’ dahal fi triq principali naqas li jieqaf mal-linja trasversali singola qabel ma’ r-roti ta’ quddiem lahqu dik il-linja trasversali u qabez dik il-linja b’dak il-mod jew f’dak il-waqt li seta’ kien ta’ perikolu lil xi vettura ohra li kienet fuq it-triq principali jew li seta’ ta lok li dik il-vettura l-ohra kellha tibdel il-velocita’ jew ir-rotta taghha biex tevita li ssir kolluzzjoni (Reg. 2 – Skeda – Taqsima IV B(i)(a)(ia)(b) Avviz Legali 94/96 kif sussegwentament amendat (L.S. 65.05);

4. fl-istess data, hin u post u b’konsegwenza ta’ din il-kolluzzjoni b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clayton Xerri mill-Qala, Ghawdex hekk kif iccertifikat Dr. Marlene Attard MD mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta’ Dicembru 2013 (*a fol.* 160) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Skeda tar-Regolament 2, Taqsima II, E. (a) tal-L.S. 65.05 u Artikoli 54(1) u 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2014, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 122), lill-kwerelant Clayton Xerri jiddikjara li ma kellux interess f'dawn il-proceduri, li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli u li kien qed jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Rat ukoll dokument ezebiet u mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 131).

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie mismugh u li gie verbalizzat fid-diversi seduti mizmuma quddiem il-Qorti, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------